C/2024/4030

17.7.2024

P9_TA(2023)0265

Miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA)

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2023 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona koperta mill-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) (COM(2022)0563 – C9-0370/2022 – 2022/0348(COD))

(Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja: l-ewwel qari)

(C/2024/4030)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2022)0563),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skonthom il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0370/2022),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0192/2023),

1. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.